MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 49/1998/1

*Emily Mifsud u zewgha Alessio Mifsud, Peter Bonello, Anna Bonello, Giovanna Vassallo, Antonia Bonello, Cataldo (Aldo Bonello, Pawlu Bonello*

*vs*

*Michael Vella u martu Mergerita Vella.*

Illum 20 ta’ Marzu 2003

Il-Qorti,
Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi wara li **ppremettew**: illi b’ kuntratt tal-20 ta’ Jannar 1987, il-konvenut Michael vella xtara u akkwista minghand l-atturi l-fond numru 57, 58 u 59 The Strand Kalkara u obbliga ruhu li jhallas il-bilanc tal-prezz ta’ tlett elef u mitt lira maltin (Lm3,100) bl-imghax ta’ hamsa fil-mija (5%); illi l-konvenut baqa’ ma hallasx il-bilanc imsemmi u lanqas l-imghax imsemmi ghalkemm interpellat biex jaghmel dan;

**talbu** li l-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

Tiddikjara li l-konvenut ma hallasx il-bilanc imsemmi u l-imghax relattiv tal-prezz tal-akkwist tad-dar imsemmija permezz tal-imsemmi kuntratt;

Tillikwida l-ammont dovut mill-konvenut konsistenti fil-bilanc ta' prezz u l-imghaxijiet akkumulati sal-gurnata tas-sentenza;

Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici l-ammont hekk likwidat bl-imghax legali sal-gurnata tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi u l-lista tax-xhieda u tad-dokumenti;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Michael Vella, fejn ammetta li huwa debitur tal-atturi, izda sostna li hemm pagament ta' Lm500 li kien sar madwar seba/tmien snin ilu li mhuwiex indikat fil-komputazzjonijiet tal-istess atturi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut Micahel Vella u l-lista tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-data tal-lum

Ikkunsiderat

Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li b' kuntrattt datat 20 ta' Jannar 1987 fl-atti tan-Nutar Dr.Victor Bisazza il-konvenut Michael Vella xtara minghand l-atturi il-fondi 57, 58 u 59

The Strand Kalkara versu l-prezz ta' Lm3,600 li Lm500 minnhom thallsu fuq il-kuntratt u r-rimanenti bilanc ta' tlett elef u mitt lira maltin **(Lm3,100)** kellhom jithallsu bil-mod segwenti *" b' rati ta' erba mitt lira maltin (Lm400) kull erba' xhur ghall-ewwel sena u sitt mija tlieta u tletin lira maltin u tlett centezmi (Lm633.33,3) kull erba xhur fit-tieni sena"* bl-imghax tal-hamsa fil-mija (5%) kif indikat fl-istess kuntratt.

Illi il-konvenut Michael Vella eccepixxa li kien hallas minn dan il-bilanc pagament ta' Lm500; izda ma gab ebda prova in sosten ta' l-allegazzjoni tieghu. Il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta sodisfacentement li l-ammont pretiz mill-atturi ta' Lm3,100 flimkien mal-imghax skadut, huwa u ghadu, dovut mill-konvenut Michael Vella.

Illi l-imghax li ghandu jizdied ma' din is-somma huwa ta' 5% fis-sena ghal perijodu ta' sentejn li jestendi ghall-perijodu mill-20 ta' Jannar 1987 sal-20 ta' Jannar 1989 skond kif konvenut fil-kuntratt precitat. Dan l-imghax jammonta ghas-somma ta' tlett mija u ghaxar liri maltin (Lm 310). Ghaldaqstant is-somma globali dovuta lill-atturi mill-konvenut Michael Vella tammonta ghal *tlett elef erba mija u ghaxar liri maltin (Lm3,410).*

Illi l-konvenuta Margerita Vella fil-mori tal-kawza pprezentat kuntratt ta' separazzjoni datat 23 ta' Novembru 1998 esistenti bejnha u bejn il-konvenut Michael Vella fejn *inter alia* hija ttrasferiet sehemha fil-fondi *de quo* lill-konvenut. Illi apparti dan il-fatt, mill-provi rrizulta li l-konvenuta Margerita Vella ma kellha x' taqsam xejn man-negozju li sar bejn Micahel Vella u l-atturi u ghalhekk hija ghandha tigi liberata mill-osservanza ta' dan il-gudizzju.

Illi rigward l-imghaxijiet dovuti fuq l-imsemmi bilanc, dan l-aspett huwa regolat bid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 1141 tal-Kap.16 fejn fis-sub inciz (2) hemm stipulat li, fil-kaz ta' obbligazzjonijiet li ma jkunux ta' natura kummercjali u fejn il-ligi ma tiddisponix espressament li l-imghaxijiet ghandhom jibdew jiddekorru *ipso jure*, *"l-imghaxijiet ghandhom jghaddu minn dak in-nhar illi ssir sejha ghall-hlas b' att gudizzjarju, ghalkemm fil-ftehim ikun gie*

*stabbilit zmien ghall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni"* Fi kliem iehor, fil-kazijiet li ma jidhlux fl-ambitu tas-sub inciz (1), l-imghaxijiet ghandhom jibdew jiddekorru mill-gurnata tal-interpellazzjoni b' att gudizzjarju.

Illi fil-kaz odjern ma rrizultax li t-transazzjoni in disamina tikkwalifika bhala wahda minn dawk li l-ligi tikkontempla li l-imghaxijiet fuqha ghandhom jiddekorru *ipso jure,* lanqas ma rrizulta li t-transazzjoni hi wahda ta' natura kummercjali. In propositu l-Qorti tirrileva li l-fatt li fuq il-kuntratt l-okkupazzjoni tal-konvenut Michael Vella hija deskritta bhala *"Dulcier"* m' ghandux necessarjament iwassal ghall-konkluzjoni li dana huwa negozjant jew fil-kummerc, ghax persuna jista' jkollha s-sengha ta' dolcier izda jkollha biss stat ta' persuna impjegata.. Inoltre minn imkien mill-provi ma rrizulta li t-transazzjoni saret bi skop jew ghal-skopijiet kummercjali, jew hija b' xi mod konnessa man-negozju tal-konvenut. Ghaldaqstant il-Qorti hi tal-fehma li l-kap tal-imghaxijiet f' din il-kawza ghandu jigi regolat bin-norma kontemplata fis-sub inciz (2) tal-artikolu precitat.

Illi in vista tal-premessi konsiderazzjonijiet il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici huma fondati fil-fatt u fid-dritt.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi din il-kawza billi, tillibera lill-konvenuta Margerita Vella mill-osservanza tal-gudizzju; u, previa rigett tal-eccezzjoni tal-konvenut Michael Vella, tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront ta' dan il-konvenut u

tiddikjara li l-istess Michael Vella ma hallasx is-somma ta' tlett elef u mitt lira maltin (Lm3,100), rapprezentanti bilanc tal-prezz tal-akkwist tal-fondi fuq indikati, u lanqas l-imghax konvenut u skadut ta' tlett mija u ghaxar liri maltin (Lm310);

tillikwida l-ammont kollu dovut fis-somma globali ta' *tlett elef erba mija u ghaxar liri maltin (Lm3,410).*

u ghalhekk tikkundannah ihallas dan l-ammont ta’ *tlett elef erba mija u ghaxar liri maltin (Lm3,410)* flimkien **mal-imghax legali mid-data tac-citazzjoni**.

Bl-ispejjez kollha a karigu tal-konvenut Micahel Vella.

--------------------------------TMIEM--------------------------------